**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

**Gudikatur: Dr. Claudio Zammit B.A. LL.D. M. Jur (Eu. Law)**

**Seduta ta' nhar it-Tnejn, 30 t'Ottubru 2017**

**Talba Nru: 598/16 CZ**

**Concorde International Freight Forwarders Limited (C 11393)**

**vs.**

**Unique Imports Limited (C 52991)**

**It-Tribunal,**

Ra t-talba tas-socjeta' attrici mressqa fl-20 ta' Dicembru 2016 fejn talbet lit-Tribunal jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas l-ammont ta' elf, hames mija u sebgha u sebghin Euro u hamsa w disghin centezmu (€1,577.95) ghal servizz provdut 'inter alia' freight lill-intimat, kif jidher fil-fattura hemm annessa

Ra li s-socjeta' konvenuta, debitament notifikata, ma pprezentatx risposta u lanqas deher xi rapprezentant taghha quddiem it-Tribunal fl-ebda seduta.

Ra l-Kapitolu li gie pprezentat mis-socjeta' attrici fis-seduta tal-25 t'Ottubru 2017.

Ikkunsidra l-fatt illi s-socjeta' konvenuta naqset li tidher sabiex tirrispondi ghall-Kapitolu. In-nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tas-socjeta' attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lis-socjeta' konvenuta thallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' elf, hames mija u sebgha u sebghin Euro u hamsa w disghin centezmu (€1,577.95) bl-imghax legali mill-20 t'Ottubru 2016 li hija d-data tal-fattura, sad-data tal-hlas effettiv.

L-ispejjez u drittijiet, ikunu a karigu tas-socjeta' konvenuta.

**Dr. Claudio Zammit**

**Gudikatur**

Mary Josette Musu'

Deputat Registratur